**15 ta' Diċembru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Filetti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**Onor. Franco Depasquale LL.D.**

Ivan Burridge *et noe*

*versus*

Alfred Pisani *noe*

**Ritrattazzjoni – Akkwixxenza minn Sentenza – Fużjoni bejn żewġ Soċjetajiet Kummerċjali**

*Ġew proposti żewġ azzjonijiet għar-Ritrattazzjoni ta' kawża.*

*Akkwixxenza minn sentenza jirreferi għad-dritt ta' Appell u mhux għad-dritt ta' Ritrattazzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiegħda tikkonsidra żewġ petizzjonijiet għar-ritrattazzjoni tal-kawża oriġinarjament proposta fil-Qorti tal-Kummerċ fl-1979, billi l-aħħar tappa tagħha kienet is-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 1988;

Oriġinarjament fil-11 ta' Settembru, 1979, kienet il-*Marsascala Development Limited* li pproponiet l-azzjoni kontra *The National Investment Company,* inkorporata fil-Libja, billi allegat li din ta' l-aħħar għamlet xi xogħol ta' kostruzzjoni fit-territorju magħruf bħala "Il-Gżira" f'San Tumas ta' Marsascala, u fl-esekuzzjoni ta' l-istess xogħol, daħlet fil-proprjetà tagħha u għamlet anki ħsara;

Is-soċjetà konvenuta opponiet fil-mertu l-allegazzjonijiet taċ-ċitazzjoni, u l-Qorti innominat Perit Tekniku u Perit Ġudizzjarju, biex jinġabru l-provi u jirrapportaw fuqhom;

B'Nota ta' l-24 ta' Jannar, 1983, il-kumpanija *Santumas Shareholding Limited* assumiet l-atti tal-kawża flok *Marsascala Development Limited,* billi kienet saret fużjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet. Aktar tard, irriżulta illi fis-6 ta' Ottubru, 1981, fil-Gazzetta tal-Gvern, ġew ippubblikati tliet avviżi biex jintimaw lill-pubbliku illi kienu ttieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji li bihom ġew effettwati żewġ fużjonijiet – li bihom *Santumas Shareholdings Limited* assorbiet lill-*Marsascala Development Limited* u lill-*Santumas Contractors Limited;*

Fil-Gazzetta tal-Gvern tad-**9 ta' Frar, 1982** imbagħad deher avviżi datat it-**12 ta' Jannar, 1982,** li informa illi *Marsascala Development Limited* ġiet imneħħija mir-Reġistru tas-Soċjetajiet minħabba l-fużjoni tagħha ma' *Santumas Shareholdings Limited;*

Is-soċjetà konvenuta, eċċepiet illi la s-soċjetà attriċi ġiet imħassar mir-Reġistru tas-Soċjetajiet, il-kawża ġiet mingħajr attur jew atturi u għalhekk il-konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

Sussegwentement l-istess konvenuta ssottomettiet li l-fużjoni ma saritx skond il-liġi u għalhekk *Santumas Shareholdings Limited* ma kellhiex id-dritt li tassumi l-atti flok il-*Marsascala Development Limited;*

Din l-aħħar eċċezzjoni ġiet respinta mill-qorti ta' l-ewwel grad – imma akkolta minn din il-Qorti ta' l-Appell, fit-30 ta' Novembru, 1988;

Fit-23 ta' Frar, 1989 – *Santumas Shareholdings Limited* ippreżentat petizzjoni għar-ritrattazjoni tal-kawża, a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12, billi deherilha illi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin;

Kontra din, is-soċjetà konvenuta ssottomettiet illi billi l-petizzjoni ma tiddistingwix bejn id-dispositiv tas-sentenza mill-parti razzjonali tagħha biex deherilha li hemm kontradizzjonijiet u għalhekk tonqos ir-raġuni legali li tammetti ritrattazzjoni;

Fit-**8 ta' Marzu, 1989** ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet ġie infurmat minn *Santumas Shareholdings Limited* bis-sentenza

tat-30 ta' Novembru, 1988;

Fl-**14 ta' April, 1989** ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet dan l-avviż: -

''Wara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Novembru, 1988, ngħarrfu b'dan illi qed jiġu hawnhekk irrevokati l-avviżi li dehru f'paġna 348 tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Frar, 1983, dwar it-tħassir ta' *Marsascala Development Limited* u *Santumas Contractors Limited* minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet Kummerċjali'';

Fil-**11 ta' Awissu, 1989**, *Santumas Shareholdings Limited* ippreżentat it-tieni Petizzjoni għar-ritrattazzjoni. Din id-darba a bażi tas-subinċiżi (a), (ċ), (k) u (l); billi - (i) is-sentenza ttieħdet, b'mod qarrieqi mill-kontroparti; (ii) instab dokument deċiżiv li juri li l-konvenuta m'għadhiex il-persuna leġittima biex toqgħod fil-kawża;

Kontra din it-tieni Petizzjoni, is-soċjetà konvenuta ssottomettiet illi (a) inkwantu s-sentenza appellata ddikjarat li l-fużjoni li ppermettiet lil *Santumas* li tidħol fil-kawża ma kinitx valida, jsegwi li l-istess *Santumas* issa ma tistax tipproponi l-petizzjoni; (b) bl-informazzjoni mogħtija lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet (para. 9) - u l-avviżi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern - (para. 10) - *Santumas* akkwixxiet għas-sentenza li tagħha qed titlob ir-ritrattazzjoni; (ċ) il-petizzjoni hija nulla minħabba l-irritwalità tad-domanda finali; (d) din it-talba ta' ritrattazzjoni saret wara tliet xhur mis-sentenza; (e) fil-mertu ma jeżistux l-elementi ta' fatt u ta' dritt li tallega l-petizzjoni;

Din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1992, ikkunsidrat l-ewwel

eċċezzjoni għal din it-tieni petizzjoni ta' ritrattazzjoni u rriġettat l-istess eċċezzjoni li kienet tirrigwarda l-kapaċità ġuridika tas-soċjetà petizzjonanti, biex tippreżenta l-petizzjoni tar-ritrattazzjoni. Għal dik is-sentenza trid naturalment, issir riferenza;

Intqal f'dik is-sentenza fil-parti finali tagħha: –

"... din il-vertenza, assumiet xeħta kumplikatissima, u li għalhekk, biex tiġi simplifikata u riżoluta trid tiġi, neċessarjament analizzata biċċa biċċa qabel ma tingħata s-sintesi finali, li titlob u *teħtieġ*";

Din is-sentenza hija t-tieni waħda ta' natura parzjali, fl-ewwel lokk se tikkunsidra l-eċċezzjoni ta' akkwiexxenza mas-sentenza tat-30 ta' Novembru, 1988, da parti ta' *Santumas,* liema akkwiexxenza huwa allegat, teskludi l-possibbilità tal-preżenti azzjoni għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża u sentenza;

L-akkwiexxenza hija l-aħħar waħda mit-tliet raġunijiet li jsemmi l-ewwel subinċiż ta' l-artikolu 228 Kap. 12 li jeskludu d-dritt ta' appell:

"M'hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew **billi toqgħod għal dak li tkun qatgħet is-sentenza**";

Dan l-artikolu, minn kliemu, jirriferixxi għad-dritt ta' **appell** u *mhux għad-dritt ta'* ***ritrattazzjoni.*** *Naturalment dan* ir-rifless kellu jkun biżżejjed biex jiskoraġixxi lis-soċjetà konvenuta milli tavvanza din l-eċċezzjoni anke għaliex huwa pależi li anki l-approċċ analoġiku huwa eskluż inwkantu, mhux

biss, id-distinzjoni bejn appell u ritrattazzjoni hija tant netta li tirrendi dak il-proċess loġiku diffiċli, imma aktar u aktar, għaliex difatti – għall-kuntrarju, l-akkwiexxenza mhux biss hija neċessarjament ammessa imma addirittura, f'ċerti ċirkostanzi, obbligata mil-liġi;

Difatti (a) fil-perijodu li jgħaddi bejn id-data tas-sentenza u d-data tar-ritrattazzjoni (li skond l-artikolu 818 Kap. 12 jistgħu jikkomprendu minimu ta' tliet xhur u massimu li jiddependi mill-avvenimenti kontemplati) huwa faċli li jkun hemm akkwiexxenza għaliex ir-raġunijiet għar-ritrattazzjoni jistgħu jieħdu ħafna żmien biex jiġu realizzati, imma, aktar minn hekk (b) meta jirrikorri dak li jikkontempla l-artikolu 823 Kap. 12 li mhux biss jenunċja l-prinċipju ġenerali li **r-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza** li timplika d-dover tad-debitur li jakkwiexxi għas-sentenza biex ma jiġix kostrett fl-esekuzzjoni tal-kreditur li jkompli jżid il-piż li tkun infliġġiet fuqu s-sentenza, imma wkoll u aktar huwa **obbligat** li jakkwiexxi meta jitlob li titwaqqaf l-esekuzzjoni u l-qorti tiċħadlu din it-talba u fil-pendenza tar-ritrattazzjoni tawtorizza l-esekuzzjoni ta' l-ewwel sentenza li tfisser li tobbliga lid-debitur jakkwiexxi biex ma jissubiex l-esekuzzjoni. U aktar:

"Appell minn sentenza li tiċħad it-talba għat-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandu **f'ebda każ** jaħdem bħala twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' din l-aħħar sentenza – artikolu 823(6) Kap. 12";

Għall-kompletezza, billi s-soċjetà konvenuta, fuq din l-eċċezzjoni tagħmel riferenza għal żewġ sentenzi ta' dawn il-Qrati rigward l-akkwiexxenza, għandu jiġi osservat illi:

(a) Rigward is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Jannar, 1858; il-Qorti hemmhekk kellha quddiemha talba ta' ritrattazzjoni u ngħatat l-eċċezzjoni ta' akkwiexxenza. Din kienet tikkonsisti fil-fatt illi wara s-sentenza, is-*soccombenti* kien għamel **kuntratt ta' diviżjoni** u allura l-Qorti qalet li din iċ-ċirkostanza:

"... *importa, che potere la loro domanda essere esaudita,* ***quando constatasse che sono ammissibili,*** *sia stata per loro necessario chiedere non solo il beneficio della ritrattazione contro la detta sentenza, ma quello della restituzione in intero contro il detto contratto di divisione, il che non è stato fatto.*

*Decise – Per la liberazione del convenuto dalla osservanza del giudizio". (R. Locano et vs Conte Sir Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia – Vol. I p. 28);*

Għalhekk din is-sentenza, meta tafferma illi mat-talba tar-ritrattazzjoni kellha ssir **ukoll** talba għar-restituzzjoni *in intero (restitutio in integrum)* qiegħda impliċitament tafferma illi l-akkwiexxenza, anke permezz ta' kuntratt, ma kinitx tkun ostakolu għar-ritrattazzjoni – kieku l-azzjoni ta' ritrattazzjoni kienet tkun integrata bl-azzjoni ta' r-restituzzjoni *in intero;*

(b) It-tieni sentenza riferita hija dik tal-Qorti tal-Kummerċ tal-31 ta' Marzu, 1894 fl-ismijiet G. Zonda *vs* A. Parthenis – Vol. XIV. 219;

Huwa minnu li f'din is-sentenza wara li hemm riġett tat-talba għar-ritrattazzjoni għal diversi raġunijiet konnessi mal-kawżali għar-ritrattazzjoni tgħid ukoll li:

*"E l-effetto naturale della acquiescenza è quello di costituire colui che la presta nella impossibilità di impugnare la sentenza e quindi di darle nel suo interesse l'autorità di un giudicato irretrattabile"*;

Din il-Qorti – bir-rispett kollu – ma taqbilx ma' dan l-effett ta' l-akkwiexxenza fil-każ ta' ritrattazzjoni – differentement mill-każ ta' appell – u dan għar-raġunijiet hawn fuq esposti li ebda waħda minhhom ma ġiet ikkunsidrata f'din is-sentenza ta' l-1894. *Del resto* l-akkwiexxenza li fuqha titkellem din is-sentenza kienet waħda **koattiva** billi d-debitur, minaċċjat b'mandat ta' arrest personali, talab lill-kreditur dilazione għall-pagament; u din il-kwalità ta' akkwiexxenza, lanqas fil-każ leġittimu u legali fil-kwadru ta' l-azzjoni ta' appell (u mhux ta' ritrattazzjoni) il-ġurisprudenza **rriġettatha** bl-aktar mod ċar u limpidu – kif spjegat, b'mod eżawrjenti u awtorevoli fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-10 ta' Mejju, 1957, fl-ismijiet E. Schembri *et vs* J. Schembri Vol. XLI. I. 322;

Il-kumpanija *Santumas Shareholdings Limited,* min-naħa tagħha, talbet lill-Qorti tiddeċidi jekk *"The National Investment Company"* għandhiex interess li tibqa' konvenuta fil-kawża;

Il-kumpanija attriċi fit-tieni petizzjoni tesponi illi skopriet dokumenti li skond il-liġi libika dak kollu li kienet tippossiedi *The National Investment Company Limited* ġew issa trasferiti u posseduti mil-*Libyan Arab Foreign Investment Company (LAFICO)* u: –

"... għalhekk il-proprjetà, drittijiet u obbligi tal-kumpanija konvenuta ddevolwu(*recte* ddevolvew) fuq il-kumpanija ġdida L.A.F.I.C.O. u l-kumpanija konvenuta m'għandha xejn u jekk

għadha teżisti, għax **forsi** skond il-liġi libjana *(recte* libika) spiċċat, ukoll, filwaqt li d-drittijiet, proprjetà u obbligi għaddew fuq il-*Libyan Arab Foreign Investment Company (LAFICO)* din kien imissha mill-4 ta' Frar, 1981, assumiet l-atti tal-kawża jew li jiġu trasfużi l-atti bħal fil-każ ta' mewt''

kif tgħid il-petizzjoni;

Jekk qatt kien hawn każ klassiku li jiddemostra kif tiġi ġġenerata l-konfużjoni, bl-esaġerazzjoni fil-kumplikazzjonijiet li jinħolqu fil-proċediment ġudizzjarju, huwa dan. Di Fatti – *dato li dak li hemm fil-petizzjoni huwa kollu minnu – allura* l-proċediment kollu kemm hu, **wara l-4 ta' Frar, 1981**, huwa **rritwali**, u konsegwentement null. U dan għaliex ma sarx fil-konfront tal-leġittimu kontradittur billi sar, kif tgħid il-petizzjoni, fil-konfront ta' parti li kienet mietet;

Il-Qorti m'għandhiex bżonn wara din il-kjarifikazzjoni li ''tiddeċidi fuq dan il-punt, sollevat mill-parti stess li tintlaqat minn dak li hi qed tissottometti – u dan sabiex ma tissorprendix lill-istess parti, li ċertament fil-konfużjoni ġġenerata, ma ttendietx bl-implikazzjonijiet kollha tat-tieni petizzjoni tagħha. Għalhekk qabel ma tgħaddi għall-possibbli tielet sentenza parzjali tagħha li tirrisolvi dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tieni petizzjoni – se tikkonċedi ċirka xahar żmien lis-soċjetà *Santumas Shareholdings Limited* biex b'nota, tindika lill-Qorti, jekk tinsistix li din il-Qorti tippronunzja ruħha fir-rigward;

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li tiċħad* l-eċċezzjoni ta' akkwiexxenza avvanzata mis-soċjetà konvenuta tirriżerva li tiddeċidi fuq il-mertu sħiħ tat-tieni petizzjoni wara li tara l-espost tan-Nota tas-soċjetà attriċi li għandha sat-12 ta' Jannar 1993

żmien biex tiddikjara jekk hijiex ser titlob jew le lil din il-Qorti li tiddeċidi fuq it-tieni petizzjoni minnha pprezentata;

L-ispejjeż ta' din is-sentenza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

Il-kawża qed tiġi ddifferita għal nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar, 1993.